VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,019, 28 ta' Ġunju, 2018
Taqsima B

A.L. 208 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Earth Systems - M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 8 (b) (v) tal-Istatut għall-Istitut u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Earth Systems – M.Sc. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Earth Systems – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali, ippubblikati bħala Avviż Legali 50 tal-2018, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2018 jew wara.

L-Emenda għat-titlu tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok it-titlu tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"L-Ordiamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Natural Environment and Resources Management - M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali

VERŻJONI ELETTRONIKA

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 8 (b) (v) tal-Istatut għall-Istitut u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta"

L-Emenda għall-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**It-Titlu u l-Interpretazzjoni**

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Natural Environment and Resources Management – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji responsabbli għall-amministrazzjoni u l-organizzazzjoni akkademika tal-Kors, maħtur mis-Senat;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Science in Natural Environment and Resources Management – M.Sc.;

"l-Istitut" tfisser l-Istitut tas-Sistemi Ambjentali;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Science in Natural Environment and Resources Management – M.Sc.;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Natural Environment and Resources Management – P.G. Dip.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad."